

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Syndicat OP 84

Konvenuta: Office national interprofessionnel des fruits, des légumes, des vins et de l'horticulture (VINIFLHOR) aventi kawża ta' ONIFLHOR

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-9 ta' Jannar 2012 — Colloseum Holding AG vs Levi Strauss & Co.

(Kawża C-12/12)

(2012/C 89/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Domandi preliminari

- (1) Il-“perijodu ta’ skrutinju” bejn l-1 ta’ Lulju ta’ sena partikolari u t-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara msemmi fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 4045/89, tal-21 ta’ Diċembru 1989, dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta’ finanzjament mis-sezzjoni ta’ Garanziji (¹) tal-FAEGG, għandu jinfiehem bħala dak it-terminu li fih l-amministrazzjoni inkarigata mill-iskrutinju għandha tinforma lill-organizzazzjoni tal-produtturi dwar l-iskrutinju ppjanat, tibda u tikkonkludi t-tranżazzjonijiet ta’ skrutinju kollha fuq il-post u permezz tad-dokumenti u tikkomunika r-riżultati dwar l-iskrutinju, jew bħal dak it-terminu li fih xi wħud biss minn dawn l-atti ta’ proċedura għandhom jiġu effettwati?
- (2) Fil-każ li l-imġiba jew in-nuqqasijiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi jagħmluha impossibbli li jitwettaq b'mod effettiv skrutinju mibdi matul il-perijodu ta’ skrutinju, l-amministrazzjoni tista’, fin-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet espressi f'dan is-sens fir-Regolament iċċitat iktar ‘il fuq, tkompli twettaq it-trażazzjonijiet tagħha ta’ skrutinju fit-terminu tal-perijodu ta’ skrutinju li jkun imiss mingħajr ma tivvizzja l-proċedura b’xi rregolaritā li mbagħad min ikun ġie skrutinat ikun jista’ jinvoka kontra d-deċiżjoni li tistabilixxi l-konseguenzi li jistgħu jinsiltu mir-riżultati ta’ dan il-kontroll?

- (3) Fil-każ ta’ risposta negattiva għad-domanda preċedenti, l-amministrazzjoni tista’, meta l-imġiba jew in-nuqqasijiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi jrendu impossibbli skrutinju effettiv, teżżejji l-ħlas lura tal-għajnejha mhalla? Tali miżura tikkostitwixxi waħda mis-sanzjonijiet li jistgħu jiġu previsti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament?

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Colloseum Holding AG

Konvenuta: Levi Strauss & Co.

Domandi preliminari

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens:

- (1) li trade mark, li hija parti minn trade mark kumplessa u li kisbet karatru distintiv bl-użu tat-trade mark kumplessa biss, tista’ tintuża b'mod li tiżgura ż-żamma tad-drittijiet marbuta magħha meta tintuża biss it-trade mark kumplessa;
- (2) li trade mark tintuża b'mod li tiżgura ż-żamma tad-drittijiet marbuta magħha, meta tintuża flimkien ma’ trade mark oħra biss, meta l-pubbliku jikkunsidra ż-żewġ trade marks bħala sinjal distintivi indipendenti u, barra minn hekk, meta ż-żewġ trade marks jiġu rreġistrati flimkien bħala trade mark?

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE), tal-20 ta’ Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 17, Vol. 1, p. 146)

Appell ippreżentat fit-13 ta’ Jannar 2012 minn Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Co. Ltd mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-16 ta’ Diċembru 2011 fil-Kawża T-423/09, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill

(Kawża C-15/12 P)

(2012/C 89/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Co. Ltd (rappreżentanti: J.-F. Bellis u R. Luff, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(¹) Regolament tal-Kunsill Nru 4045/89, tal-21 ta’ Diċembru 1989, dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta’ finanzjament mis-sezzjoni ta’ Garanziji tal-Gwida Agrikola u tal-Fond ta’ Garanziji ta’ l-Unjoni Ewropea u li qed iħassar id-Direttiva Nru 77/435/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 3, Vol. 9, p. 208).